Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2004/757/ĠAI

tal-25 ta' Ottubru 2004

li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi

(ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 94)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017	L 305	12	21.11.2017
►M2	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/369 tat-13 ta' Diċembru 2018	L 66	3	7.3.2019
►M3	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020	L 379	55	13.11.2020

▼B

ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2004/757/ĠAI

tal-25 ta' Ottubru 2004

li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

▼M1

1. “droga” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) sustanza koperta mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, jew mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971;

   (b) kwalunkwe sustanza elenkata fl-Anness;

▼B

2. “prekursuri” għandha tfisser kwalunkwe sustanza mdaħħla fil-leġislazzjoni Komunitarja li tagħti effett lill-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-20 ta' Diċembru 1988 kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u f'Sustanzi Psikotropiċi;

3. “persuna ġuridika” għandha tfisser kwalunkwe entita ġuridika li għandha tali status skond il-liġi nazzjonali applikabbli, għajr Stati jew korpi pubbliċi oħra li jaġixxu fl-eżerċizzju tad-drittijiet sovrani tagħhom u organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;

▼M1

4. “sustanza psikoattiva ġdida” tfisser sustanza f'forma pura jew fi preparazzjoni li mhijiex koperta mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, jew mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 iżda tista' toħloq riskji għas-saħħa jew fil-livell soċjali simili għal dawk maħluqa mis-sustanzi koperti minn dawk il-Konvenzjonijiet;

5. “preparazzjoni” tfisser taħlita li fiha sustanza psikoattiva ġdida waħda jew aktar.

Artikolu 1a

Proċedura biex id-definizzjoni ta' “droga” tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda

1. Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju jew valutazzjoni tar-riskju kombinata mwettqa skont l-Artikolu 5c tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni mingħajr dewmien bla bżonn, għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Anness għal din id-Deċiżjoni Kwadru sabiex

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

▼M1

tiżdied is-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda u sabiex jiġi pprovdut li s-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda joħolqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli riskji gravi soċjali fil-livell tal-Unjoni, u li hija jew huma jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' "droga".

2. Waqt il-konsiderazzjoni dwar jekk għandhiex tadotta att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-firxa jew it-tendenzi tal-użu tas-sustanza psikoattiva ġdida u d-disponibbiltà tagħha u l-potenzjal ta' diffużjoni fl-Unjoni humiex sinifikanti, u jekk il-ħsara għas-saħħa kkawżata mill-konsum tas-sustanza psikoattiva ġdida, flimkien mat-tossiċità akuta jew kronika tagħha u r-riskju ta' abbuż jew il-potenzjal li toħloq dipendenza fuqha, tkunx ta' theddida għall-ħajja. Il-ħsara għas-saħħa hija kkunsidrata bħala theddida għall-ħajja jekk is-sustanza psikoattiva ġdida x'aktarx tikkawża mewt jew korriment fatali, mard gravi, indeboliment fiżiku jew mentali gravi jew tixrid sinifikanti ta' mard, inkluż it-trasmissjoni ta' viruses li jinxterdu permezz tad-demm.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-ħsara fil-livell soċjali kkawżata mis-sustanza psikoattiva ġdida lill-individwi u lis-soċjetà hijiex gravi, u, b'mod partikolari, jekk l-impatt tas-sustanza psikoattiva ġdida fuq il-funzjonament soċjali u l-ordni pubbliku ikunx tali li jfixkel l-ordni pubbliku, jew jikkawża imġiba vjolenta jew antisoċjali, li tirriżulta f'dannu lill-utent jew lil persuni oħra jew ħsara lil proprjetà, jew jekk attivitajiet kriminali, inkluż il-kriminalità organizzata, assoċjati mas-sustanza psikoattiva ġdida humiex sistematiċi, jinvolvux profitti illeċiti sinifikanti jew jikkawżawx spejjeż ekonomiċi sinifikanti.

3. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat mid-data meta jasal ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju jew ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju kkombinat skont l-Artikolu 5c(6) tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex neċessarju li jiġi adottat att delegat biex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi s-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega r-raġunijiet għalfejn ma għamlitx dan.

4. Rigward is-sustanzi psikoattivi ġodda inklużi fl-Anness għal din id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri li ma jkunux għadhom għamlu hekk għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għal dawk is-sustanzi psikoattivi ġodda malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jemenda l-Anness. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni Kwadru jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 1b

Miżuri nazzjonali ta' kontroll

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi imposti fuq l-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu fit-territorji tagħhom, fir-rigward ta' sustanzi psikoattivi ġodda, kwalunkwe miżura nazzjonali ta' kontroll li jqisu xierqa.

▼B

Artikolu 2

Reati marbuta mat-traffikar ta' drogi u ta' prekursuri

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li meta mġieba minn dawn li ġejjin issir bil-ħsieb u tkun infondata fid-dritt din għandha tkun punibbli:

(a) il-produzzjoni, il-manifattura, l-estrazzjoni, il-preparazzjoni, l-offerta, l-offerta għall-bejgħ, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kunsinna fuq kwalunkwe kondizzjoni hi x'inhi, is-senserija, id-dispaċċ, id-dispaċċ fi transitu, it-trasport, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' drogi;

(b) il-kultivazzjoni tal-peprin ta' l-oppju, il-pjanta tal-koka u l-pjanta tal-kannabis;

(ċ) il-pussess jew ix-xiri ta' drogi bil-ħsieb li tiġi mwettqa waħda mill-attivitajiet mniżżla f'(a);

(d) il-manifattura, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' prekursuri, meta wieħed ikun jaf li dawn ser jintużaw fi jew għall-produzzjoni jew manifattura illeċita ta' drogi.

2. L-imġieba deskritta fil-paragrafu 1 m' għandiex tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru meta din tiġi mwettqa mill-awturi tagħha esklussivament għall-konsum personali tagħhom kif definit mil-liġi nazzjonali.

Artikolu 3

Tħajjir, għajnuna u assistenza u tentattiv

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jitqiesu bħala reat kriminali, t-tħajjir biex wieħed iwettaq, l-għajnuna u l-assistenza jew it-tentattiv ta' wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 2.

2. Stat Membru jista' jeżenta minn responsabbiltà kriminali t-tentattiv ta' offerta jew preparazzjoni ta' drogi msemmi fl-Artikolu 2(1)(a) u t-tentattiv ta' pussess ta' drogi msemmi fl-Artikolu 2(1)(ċ).

Artikolu 4

Pieni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li r-reati definiti fl-Artikoli 2 u 3 jkunu punibbli b'pieni kriminali li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 2 huma punibbli b'pieni kriminali ta' massimu ta' minn ta' l-inqas bejn sena u 3 snin ħabs.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 2(1)(a), (b) u (ċ) huma punibbli b'pieni kriminali ta' massimu ta' minn ta' l-inqas bejn 5 u 10 snin ħabs f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) ir-reat jinvolvi kwantitajiet kbar ta' drogi;

▼B

(b) ir-reat jew jinvolvi dawk id-drogi li jikkawżaw l-ikbar dannu għas-saħħa, jew jirriżulta f'dannu sinifikattiv għas-saħħa ta' għadd ta' persuni.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li r-reati msemmija fil-paragrafu 2 huma punibbli b'pieni kriminali ta' massimu ta' minn ta' l-inqas 10 snin ta' privazzjoni tal-liberta', fejn ir-reat kien twettqet fil-kuntest ta' organizzazzjoni kriminali kif definit fl-Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar li tkun magħmula reat kriminali l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([1]).

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 2(1)(d) huma punibbli b'pieni kriminali ta' massimu ta' minn ta' l-inqas bejn 5 u 10 snin ta' privazzjoni tal-libertà, fejn ir-reat twettaq fil-kuntest ta' organizzazzjoni kriminali kif definit fl-Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI, u l-prekursuri jkunu maħsuba li jiġu wżati fi jew għall-produzzjoni jew manifattura ta' drogi skond iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi 2(a) jew (b).

5. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' vittmi u ta' partijiet terzi oħra in *bona fide*, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex tkun tista' ssir il-konfiska ta' sustanzi li jiffurmaw l-oġġett materjali ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3, l-għodda użati jew maħsuba biex jiġu użati għal dawn ir-reati u qligħ minn dawn ir-reati jew il-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi ma' dak ta' tali qligħ, sustanzi jew għodda.

It-termini "konfiska", "għodda", "qligħ" u "proprjetà" għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-1990 dwar il-*Laundering*, it-Tfittxija, il-Qbid u l-Konfiska tal-Qligħ minn Kriminalità.

Artikolu 5

Ċirkostanzi partikolari

Minkejja l-Artikolu 4, kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-pieni msemmija fl-Artikolu 4 jistgħu jiġu mnaqqsa jekk il-ħati:

(a) jirrinunzja l-attività kriminali relatata mat-traffikar ta' drogi u ta' prekursuri u

(b) jipprovdi lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji informazzjoni li huma kieku ma kienux xort' oħra jkunu jistgħu jakkwistaw, filwaqt li jgħinhom biex:

(i) jiġu prevenuti jew imnaqqsa l-effetti tar-reat,

(ii) jiġu identifikati jew imressqa quddiem il-ġustizzja l-ħatja l-oħra,

(iii) jinstabu provi jew

(iv) jiġu prevenuti reati ulterjuri msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

Artikolu 6

Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 2 u 3 mwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li jaġixxi jew waħdu jew bħala

([1]) ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.

▼B

membru ta' organu tal-persuna ġuridika in kwistjoni, li għandu pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

(a) setgħa ta' rappreżentazzjoni tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li jieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;

(ċ) awtorità li jeżerċita kontroll fil-persuna ġuridika.

2. Minbarra l-każijiet previsti fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 għamlet possibbli l-għemil ta' kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skond il-paragrafi 1 u 2 m' għandhiex teskludi proċeduri kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi, istigaturi jew kompliċi fi kwalunkwe waħda mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

Artikolu 7

Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi

1. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 6(1) hija punibbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) esklużjoni minn dritt għal eżenzjoni mit-taxxa jew benefiċċji oħra jew għajnuna pubblika;

(b) skwalifika temporanja jew permanenti mit-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali;

(ċ) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(d) ordni ġudizzjarja ta' stralċ;

(e) għeluq temporanju jew permanenti ta' l-istabbilimenti użati biex jiġi mwettaq ir-reat;

(f) skond l-Artikolu 4(5), il-konfiska ta' sustanzi li jiffurmaw l-oġġett materjali ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3, għodda użati jew maħsuba biex jiġu użati għal dawn ir-reati u qligħ minn dawn ir-reati jew il-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi ma' dak ta' tali qligħ, sustanzi jew għodda.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li huma effettivi, proporzjonali u dissważivi.

Artikolu 8

Ġurisdizzjoni u prosekuzzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 fejn:

(a) parti mir-reat jew ir-reat kollu kemm hu jsir fit-territorju tiegħu;

▼B

(b) il-ħati huwa wieħed miċ-ċittadini tiegħu; jew

(ċ) ir-reat isir għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

2. Fejn ir-reat isir ‘il barra mit-territorju tiegħu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li mhux ser japplika r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1(b) u 1(ċ), jew li ser japplikahom biss f'każijiet jew ċirkostanzi speċifiċi.

3. Stat Membru li, taħt il-liġijiet tiegħu, ma jagħmilx estradizzjoni taċ-ċittadini tiegħu għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi, fejn xieraq, il-ġurisdizzjoni tiegħu fuq reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3, u biex jieħu azzjoni kriminali, meta dan ir-reat isir minn wieħed miċ-ċittadini tiegħu ‘l barra mit-territorju tiegħu.

4. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 2 dawn għandhom jinfurmaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni, fejn xieraq b'indikazzjoni tal-każijiet jew taċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom tapplika d-deċiżjoni.

▼M1

Artikolu 8a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 1a għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-22 ta' Novembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta'April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

▼B

Artikolu 9

Implimentazzjoni u rapporti

1. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru sa mhux aktar tard mit-12 ta' Mejju 2006.

2. Sat-terminu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom ta' l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mit-12 ta' Mejju 2009, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-twettiq ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, inkluż l-effetti tagħha fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ta' l-ittraffikar illeċitu tad-drogi. Wara dan ir-rapport, il-Kunsill għandu jistma, sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport, jekk l-Istati Membri ħadux il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

Artikolu 10

Applikazzjoni territorjali

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika għal Ġibiltà.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

▼M1

ANNESS

Lista ta' sustanzi msemmija fil-punt (b) tal-punt (1) tal-Artikolu 1

1. P-Methylthioamphetamine jew 4-Methylthioamphetamine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/615/ĠAI ([1]).

2. Paramethoxymethylamphetamine jew N-methyl-1-(4-methoxyphenyl) -2-aminopropane, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/188/ĠAI ([2]).

3. 2,5-dimethoxy-4-iodophenethylamine, 2,5-dimethoxy-4-ethylthiophenethylamine, 2,5-dimethoxy-4- (n)-propylthiophenethylamine u 2,4,5-trimethoxyamphetamine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/847/ĠAI ([3]).

4. 1-benzylpiperazine jew 1-benzyl-1,4-diazacyclohexane jew N-benzylpiperazine jew benzylpiperazine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/206/ĠAI ([4]).

5. 4-metilmetkatinon, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/759/UE ([5]).

6. 4-metil-5-(4-metilfenil)-4,5-diidroossażol-2-ammina (4,4′-DMAR) u 1-ċikloesil-4-(1,2-difeniletil)piperażina (MT-45), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1873 ([6]).

7. 4-metilamfetammina, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1874 ([7]).

8. 4-iodjo-2,5-dimetossi-N-(2-metossibenzil)fenetilamina (25I-NBOMe), 3,4-dikloro-N-[[1- (dimetilamino)ċikloessil]metil]benzamida (AH-7921), 3,4-metilenediossipirovaleron (MDPV) u 2-(3-metossifenil)-2-(etilamino) ċikloessanon (metossetamina), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1875 ([8]).

9. 5-(2-amminopropil)indol, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1876 ([9]).

10. 1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one (α-pyrrolidinovalerophenone, α-PVP, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1070 ([10]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/615/ĠAI tat-13 ta' Settembru 1999 li tiddefinixxi 4-MTA bħala droga sintetika ġdida li għandha ssir suġġetta għall-miżuri ta' kontroll u penalitajiet kriminali (ĠU L 244, 16.9.1999, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/188/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 dwar miżuri ta' kontroll u sanzjonijiet kriminali fuq id-droga sintetika l-ġdida PMMA (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 14).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/847/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna miżuri ta' kontroll u sanzjonijiet kriminali rigward drogi sintetiċi ġodda 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 64).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/206/ĠAI tat-3 ta' Marzu 2008 dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga psikoattiva ġdida li għandha tiġi suġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali (ĠU L 63, 7.3.2008, p. 45).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/759/UE tat-2 ta' Diċembru 2010 biex il-4-metilmetkatinon (mefredron) jiġi sottomess għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 44).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1873 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoponi 4-metil-5-(4-metilfenil)-4,5-diidroossażol-2-ammina) (4,4′-DMAR) u 1-ċikloesil-4-(1,2- difeniletil) piperażina (MT-45) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 32).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1874 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoponi lill-4-metilamfetammina għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 35).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1875 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoponi 4-iodjo-2,5-dimetossi-N-(2-metossibenzil)fenetilamina (25I-NBOMe), 3,4-dikloro-N-[[1-(dimetilamino)ċikloessil]metil]benzamida (AH-7921), 3,4-metilenediossipirovaleron (MDPV) u 2-(3-metossifenil)-2-(etilamino)ċikloessanon (metossetamina) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 38).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1876 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoponi 5-(2-amminopropil)indol għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 43).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1070 tas-27 ta' Ġunju 2016 li tissottoponi l-1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one (α-pyrrolidinovalerophenone, α-PVP) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 178, 2.7. 2016, p. 18).

▼M1

11. Metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1*H*-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/369 ([1]).

12. *N*-(1-fenetilpiperidin-4-il)-*N*-fenilakrilammid (akriloilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 ([2]).

▼M2

13. *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-yl]furan-2-karbossamid (furanilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 ([3]).

14. *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (ADB-CHMINACA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 ([4]).

15. 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossamid (CUMYL-4CN-BINACA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 ([5]).

16. *N*-fenil-*N*-[1-(2-fenilethil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossamid (ċiklopropilfentanil) and 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 ([6]).

▼M3

17. *N*,*N*-dietil-2-[[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1*H*-benżimidażol-1-etanammina (isotonitażen) ([7]).

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/369 tas-27 ta' Frar 2017 li tissottoponi il-metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1*H*-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 56, 3.3.2017, p. 210).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 tal-25 ta' Settembru 2017 li tissottoponi *N*-(1-fenetilpiperidin-4-il)-*N*-fenilakrilammid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 21).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoponi s-sustanzi psikoattivi l-ġodda *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2- feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9)

([7]) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida *N*,*N*-dietil-2-[[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1*H*-benżimidażol-1-etanammina (isotonitażen) fid-definizzjoni ta' "droga", ĠU L 379, 13.11.2020, p. 55.